MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2010

Numru. 688/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**RICHARD BORG**

**Seduta ta’ llum 7 ta’ Lulju, 2010.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RICHARD BORG** ta’ erbghin sena, bin Carmelo u Antonia nee’ Guzman, imwieled Pieta’ nhar it-tlieta t’Awissu 1970 u residenti Sliema, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 351170(M) tressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-16 ta’ Gunju, 2010 gewwa tas-Sliema, ikkommetta serq ta’ mutur numru ta’ registrazzjoni LCC776 ghad-dannu ta’ Joseph Camilleri, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha w disghin centezmu (€239.24), bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli matul ix-xahar ta’ Gunju ikkommetta serq ta’ number plate minn fuq mutur numru ta’ registrazzjoni EBM 975 ghad-dannu ta’ Geir Windsland, liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli matul ix-xahar ta’ Gunju ikkaguna hsara volontarja fuq mutur numru ta’ registrazzjoni LCC 776 liema hsara teccedi l-mitejn u sittax-il Ewro (€216).

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi laqa’ ghandu, kien fil-pussess, jew xtara jew iccirkola jew indahal sabiex ibiegh hwejjeg misruqa jew mehuda b’qerq.

U aktar talli nhar it-30 ta’ Gunju 2010 saq vettura LCC776 minghajr ma kien kopert b’licenzja w polza tal-assikurazzjoni.

Finalment il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma’ Richard Borg talli sar recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokument esebiti cioe’ fedina penal ital-imputat, estratt tat-twelid tieghu, dikjarazzjoni ta’ rifjut t’Avukat tal-Ghajnuna Legali, rapport tal-incident, stqarrija tal-imputat tas-6 ta’ Lulju, 2010 u stqarrija ohra tal-imputat datata 7 ta’ Lulju, 2010.

Rat illi l-imputat hu ndigenti, kif stqarr *viva voce* quddiem il-Qorti waqt il-prezentata, w ghalhekk innominat l-Avukat tal-Ghajnuna Legali Dr. Patrick Valetino sabiex jassisti lill-imputat.

Rat illi l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb l-import tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u dan kif assikura l-avukat difensur tieghu.

Semghet lill-imputat jiddikjara li huwa hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba', l-hames u s-sitt akkuza, u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati ta' dawn l-akkuzi kif ammessi minnu u kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha ta' Lulju 2010 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Rat li in vista tal-ammissjoni tal-imputat, il-Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel akkuza peress li din l-akkuza ta' serq inghatat minnha b'mod alternattiv ghall-akkuza ta' ricettazzjoni, liema akkuza giet ammessa mill-imputat.

Ikkunsidrat:

Li in vista ta' l-ammissjoni bikrija tal-imputat, u tal-ko-operazzjoni tieghu, il-Qorti ghandha tkun klementi mieghu pero' min-naha l-ohra u fid-dawl tal-fedina penali tal-istess imputat il-Qorti thoss li piena karcerarja hija l-piena idoneja. Il-Qorti rat li l-imputat diga' nstab hati ta' diversi reati w inghata cansijiet sabiex jirriforma ruhu, izda dan nonostante rega' xellef difrejh mal-Ligi u jinsab il-Qorti akkuzat b'diversi reati, hafna minnhom ammessi minnu.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 49,50, 261, 325(b), 334 tal-Kap 9 u l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat RICHARD BORG hati tat-tieni (2), t-tielet (3), ir-raba' (4), l-hames (5) u s-sitt (6) akkuza kif dedotti kontra tieghu u ammessi minnu stess u tikkundannah komplessivament sena prigunerija. Tiddikjara in oltre li hija qieghda tastjeni milli tiehu**

**konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel akkuza stante li din giet irtirata mill-prosekuzzjoni seduta stante.**

**Tordna wkoll li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghall-perijodu ta' sena mil-lum.**

**Tordna wkoll li s-sentenza moghtija minnha illum tigi mibghtua lill-Avukat Generali fi zmien tlett ijiem mil-lum ai termini tal-artikolu 403(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien ma l-atti kollha tal-kawza**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------